MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Avviz Numru. 17/2010

Caruana and Cini Company Limited

Vs

Francis Saliba

Permezz ta’ rikors prezentat fid-19 ta’ Ottubru 2010 is-socjeta attrici qeghda titlob minghand il-konvenut is-somma ta’ sitt elef sebgha mija u tmienja u tmenin ewro u sittin centezmu (€6,788.60) hlas ghall-bejgh u konsenja ta’ oggetti.

Fis-seduta tal-lum ir-rapprezentant tas-socjeta ikkonferma li l-ammont dovut hu ta’ hamest elef sitt mija u tmienja u tmenin ewro u sittin centezmu (€5,688.60) peress li l-konvenut kien hallas elf u mitt ewro (€1,100) fil-mori tal-proceduri. Inoltre l-partijiet lehqu ftehim dwar il-mod kif il-konvenut ser ihallas il-bilanc.

**Ghaldaqstant, il-qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hamest elef sitt mija u tmienja u tmenin ewro u sittin centezmu (€5,688.60) skond il-modalitajiet kontempleti fit-transazzjoni li waslu ghaliha l-partijiet (ara verbal tas-seduta tal-lum)**.

**Bl-imghax b'effett mid-19 ta' Jannnar 2010 (b'dan li l-imghax ghandu jiddekkorri fuq il-kapital) u spejjez a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------